HAL BALZAN

ID-DISA' SENA Nru. 51 APRIL/ĠUNJU 1980

EDITORJAL

FAMILJA FERHANA

Kif ma nista' nikkuntenta 'l uliedi b'xejn!

Kumment li min jaf kemm-il darba smajnieh. Smajnieh għand tal-ħanut, fit-toroq, waqt il-logħob, fuq ix-xogħol u f'postijiet oħra.

Min jaf kemm-il darba għidnieh aħna wkoll.

It-trobbija ta' l-ulied titlob biċċa xogħol mhux ħafifa. Tidher ħafifa ħafna għan-nanna jew għal xi zija xebba li tħossha faċli li tikkummenta u tgħid x'għandu jsir u x'm'għandux isir lill-għeżież neputijiet tagħha.

B'daqshekk mhux qegħdin ngħidu li t-tagħlim u l-pariri ta' dawn m'humiex utli għall-ġenituri. Altru! Imma jibqa' l-fatt li x-xogħol tat-trobbija ta' l-ulied huwa xogħol delikat li jirrikjedi għaqal, mogħdrija u paċenzja b'doża ta' dixxiplina.

Fuq kollox jeħtieġ li jkun hemm konsistenza f'dan ix-xogħol. Inkunu ġarrafna dak kollu li nkunu bnejna meta wara żmien ta' dixxiplina u tagħlim ngħaddu xhur fejn ma nagħtux kas ta' dak li jkun qiegħed jiġri f'uliedna.

Il-familja hija l-ewwel skola ta' wliedna.

Il-familja hija l-post fejn il-membri jiftħu qalbhom u jsibu min jagħdirhom.

Il-familja hija l-post fejn insibu l-ewwel inkoraġġiment.

Il-familja hija l-benniena ta' l-imħabba.

Il-familja hija s-soċjetà tal-lum u t'għada.

Ix-xogħol tal-ġenituri fit-trawwim ta' wliedna huwa xogħol nobbli, essenzjali u neċessarju fil-bini ta' soċjetà b'saħħitha.

Ix-xogħol tat-trobbija ta' l-ulied iġib fix-xejn il-piż tiegħu meta jsir bi spirtu ta' mħabba u dedikazzjoni.

Għalhekk huwa ferm importanti li l-ġenituri jitgħallmu kif irabbu 'l uliedhom u jħarsu lejn dan ix-xogħol b'għaqal u mħabba flimkien, għaliex b'hekk isibu l-konsolazzjoni, li din tidher iktar ma jgħaddi ż-żmien minn fuqhom.

L-ulied kollha japprezzaw, f'xi żmien jew ieħor f'ħajjithom, is-sagrifiċċji tal-ġenituri. Xi wħud meta jibdew jitfarfru, oħrajn meta huma stess jidħlu għax-xogħol tat-trobbija ta' l-ulied, oħrajn, imsieken, meta jkun tard wisq.

L-ulied għaqlin ma jistennewx Jum l-Omm jew Jum il-Missier biex jagħtu lill-ġenituri l-ġieh li jistħoqqilhom. Huma japprezzaw is-sagrifiċċji tal-ġenituri tagħhom billi jgħinuhom f'dak kollu li jkun hemm bżonn matul is-sena kollha. Igħinuhom billi jiftħu qalbhom magħhom u jippruvaw jifhmuhom u japprezzaw li dak li jridu l-ġenituri huwa l-veru ġid tagħhom. B'hekk ikunu qegħdin jagħmlu ġid kbir lilhom infushom, lill-ġenituri tagħhom u lis-soċjetà, għaliex ikunu qegħdin juru l-għaqda fil-familja u fejn issib familja magħquda ssib soċjetà magħquda.

Alla huwa l-istess imħabba, għalhekk huwa għandu jkun il-qofol tal-għaqda bejn il-ġenituri u l-ulied.

Il-bniedem minnu nnifsu jħobb li jkun maħbub; għalhekk huwa ferm xieraq li l-ulied jiftakru fil-ġenituri tagħhom b'mod speċjali, u dawn min-naħa tagħhom juru l-apprezzament tagħhom fil-jiem iddedikat lilhom.

L-Istatwi tal-Knisja ta' Ħal Balzan

minn DUN ĠWANN DIMECH

Fil-Knisja Parrokkjali tagħna nsibu għadd ta' statwi li lejhom il-Balzanin għandhom devozzjoni. X'uħud minn dawn l-istatwi mhux biss jinħarġu min-niċċa tagħhom u jitqiegħdu fuq il-presbiterju fil-jiem tal-festa tagħhom għall-qima tal-fidili, iżda jiġu maħruġa fi proċessjoni biex igħaddu mat-toroq tal-parroċċa.

L-istatwi li għandna fil-Knisja Parrokkjali huma dawk ta' Marija Annunzjata, il-Madonna tar-Rużarju, id-Duluri, San Mikiel Arkanġlu, Santa Rita, il-Madonna ta' Lourdes, in-Nazzarenu, San Ġużepp u l-Madonna ta' Fatima.

Issa jixraq li ngħidu xi ħaġa dwar dawn l-istatwi, u nibdew mill-vara titulari.

L-ISTATWA TA' MARIJA ANNUNZJATA

L-istatwa artistika ta' Marija Annunzjata hija xogħol tal-artist magħruf Malti Mastru Salv Dimech, Mosti mlaqqam "is-Sarċ". Dan l-iskultur naqax din l-istatwa fl-injam b'tant għaqal u ħila fis-sena 1868.(1)

Meta dan l-iskultur kien lesta l-opra tiegħu, din l-istatwa ttieħdet ir-Rabat ta' Malta għand l-induratur sabiex jindu-raha u jiżgraffiha. Meta l-istatwa tlestiet, inġiebet mir-Rabat għal Ħal Balzan, akkumpanjata mill-Banda "L'Isle Adam" tar-Rabat stess. Dak iż-żmien li saret din l-istatwa, kien hawn bħala Kappillan tal-Parroċċa Dun Pawl Liċinju Micallef (1855-1874), u kien hu li berikha mal-wasla tagħha fil-parroċċa.(2)

Fis-sena 1930, din l-istatwa reġgħet ġiet żgraffita u ndurata mill-ġdid mid-ditta Coleiro tal-Belt, Valletta.(3)

Minbarra l-induratura u l-iż-graffir ta' l-istatwa, saru wkoll xi tibdiliet fl-iskultura tal-pedistall u saritilha bradella ġdida. Dawn l-alterazzjonijiet saru fuq id-disinn ta' l-iskultur Abram Gatt minn Bormla u kienu esegwiti mil-iskultur Manwel Buhagiar tar-Raħal Ġdid. Din id-darba l-istatwa twasslet fil-Knisja Parokkjali akkumpanjata mill-Banda "Sant'Elena" ta' Birkirkara.(4)

Il-bankun ta' din l-istatwa sar fuq id-disinn tal-iskultur Abram Gatt.(5) Fil-ktieb tal-kontijiet insibu li nhar it-28 ta' April 1936, il-Kappillan Dun Franġisk Saverju Zahra ħallas lill-iskultur Manwel Buhagiar bħala prezz tal-bradella tal-ebbanu, larinġ u ġewż.(6)

Fiż-żmien meta kien Kappillan Dun Ġużepp Minuti (1950-54) sar il-ġilju tal-fidda għal

(għal paġna 2)



April 1959. L-iskultur tad-Ditta Ferdinando Perathoner, f'Ortisei, l-Italja, jidher qed jaħdem fl-injam l-istatwa artistika ta' San Mikiel. Jidher ukoll il-Kan. Spir Sammut.

ĦARĠA SPEĊJALI TAL-FESTA

Ngħarrfu lill-qarrejja li l-ħarġa Lulju/Settembru ta' din il-gazzetta se tkun **ĦARĠA SPEĊJALI** fl-okkażjoni tal-**FESTA TITULARI** ta' **MARIJA ANNUNZJATA.** Nistiednu lill-Balzanin u lill-qarrejja tagħna kollha sabiex jibagħtulna l-kontribuzzjonijiet tagħhom. Il-kitbiet għall-pubblikazzjoni m'għandhomx jaslu aktar tard minn nhar is-Sibt, 21 ta' Ġunju, 1980.

FOR BEST COLOUR PRINTS

TUDOR PROCESSING

IS THE ANSWER

Look for the shop with the

TUDOR ROSE

TUDOR COLOR II

COLOUR PRINT FILM

VICAJO COMPANY LIMITED

62A, PRECA STREET, LIJA

Telephone: 45912

A FREE FILM WITH EVERY FILM PROCESSED

'HAL BALZAN'
Toħroġ mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Hal Balzan.
Stampat fil- Lux Press Hamrun.

X'GARA FOSTNA

JANNAR 1980

It-tlett ijiem ta' adorazzjoni, magħrufin bħala Kwaranturi, din is-sena saru bejn il-Ġimgħa, 4 ta' Jannar, u l-Ħadd 6 ta' Jannar, festa ta' l-Epifanija. Is-Sibt u l-Ħadd, l-għaqdiet tal-Parroċċa għamlu l-adorazzjoni f'ħinijiet differenti.

FRAR 1980

Nhar is-Sibt, 2 ta' Frar, saret il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Kandlora. Il-quddiesa solenni bit-tberik tax-xema' saret fis-6.30 p.m.

Tul ix-xahar ta' Frar, saru fil-Parroċċa, bħas-snin l-imgħoddija, it-tifkiriet tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes. F'kull jum tad-dehra, tingħad il-kurunella u ssir priedka qasira fil-quddiesa ta' fil-għaxija.

Nhar il-Ġimgħa, 22 mix-xahar, saret quddiesa u laqgħa fuq "Ix-Xhieda ta' Ġehovah" għall-membri tal-Kunsilli Parrokkjali tad-Distrett Dekanali tagħna u għal dawk kollha interessati fis-suġġett. Il-laqgħa saret fis-Sala Parrokkjali, u spiċċat b'diskussjoni u ttieħdu xi deċiżjonijiet għal ħidma prattika.

MARZU 1980

Tul ix-xahar ta' Marzu saru fil-Parroċċa l-eżerċizzi tar-Randan. L-ewwel kors ta' eżerċizzi beda nhar it-Tnejn, 3 tax-xahar; dan kien għal kulħadd u fih ippriedka Patri Donat Spiteri, Kapuċċin.. Bejn l-10 u l-14 tax-xahar, saru l-eżerċizzi għan-nisa, li din is-sena saru għall-ewwel darba fil-għodu, li kienu ppriedkati minn Patri E. Camilleri, Tereżjan, u fil-għaxija saru l-eżerċizzi għall-miżżewġin minn Dun Vinċenz Azzopardi.

Nhar it-Tlieta, 4 ta' Marzu, wara l-quddiesa ta' fil-għaxija fis-Sala Parrokkjali ntwera film bi storja vera fuq il-ħidma tal-komunisti fil-Korea; id-dħul kien b'xejn.

Wieħed mill-pellegrinaġġi penitenzjali tar-Randan li tmexxew minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca kien dak li sar nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Marzu. Dan sar mill-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem għal dik ta' Sant'Elena f'Birkirkara. Għal dan il-pellegrinaġġ kien hemm rappreżentanza tal-kleru u l-poplu tal-Parroċċa tagħna.

Bejn nhar is-Sibt u l-Ħadd, 15 u 16 ta' Marzu, fis-Sala Parrokkjali saru bażaar u fiera b'risq il-Knisja.

Nhar it-Tlieta, 25 ta' Marzu, kienet il-festa liturġika ta' Marija Anunzjata, Patruna ta' Ħal Balzan. Saret quddiesa letta fil-knisja tal-Lunzjata l-qadima, u quddiesa solenni u għasar kantat fil-Knisja Parrokkjali. Għal din l-okkażjoni, il-Banda "San Gabriel", il-Ħadd ta' qabel, għamlet programm mużikali fil-bitħa tal-Każin.

Il-festa ta' Marija Addolorata saret nhar il-Ġimgħa, 28 tax-xahar. L-attendenza għall-purċissjoni kienet, bħas-snin l-imgħoddija, numeruża ħafna.

MATUL IS-SNIN (8)

IL-FESTA TAL-LUNZJATA 1853-1864-1874

Fl-1853, il-festa tal-Lunzjata ġiet iċċelebrata nhar it-Tnejn, 4 t'April, u l-paneġierku sar minn Dun Anġ Fenech minn Ħal Lija. Il-konkorrenza tan-nies kienet kbira billi l-festa ma ġietx fir-Randan.(1)

Ħdax-il sena wara (1864), il-festa reġgħet ġiet iċċelebrata nhar l-4 t'April, u f'din l-okkażjoni żżanżan il-ventartal ta' l-altar maġġur, xogħol fl-injam 'a basso rilievo' ta' Mastru Mikiel Cachia min-Naxxar, u ġie ndurat minn Mastru Gius Bartoli tar-Rabat.(2)

Fl-1874, il-festa ġiet iċċelebrata fil-ġurnata proprja tagħha fil-25 ta' Marzu. Il-mużika kienet tas-Surmast Pawlu Nani, filwaqt li l-paneġierku sar mis-saċerdot Karkariż Dun Kruċ Pisani Borg S.Th.D.(3)

(1) L'Ordine, 8.IV.1853.
(2) Ibid. 15.IV.1864.
(3) Lo Smascheratore, 28.III.1874.

Winston L. Zammit, M.A.

IL-KNISJA PARROKKJALI (39)

(minn paġna 1)

idejn l-Arkanġlu Gabriel u nħadem mis-Sur Francis Cassar ta' Bormla.

Fi żmien il-Kappillan preżenti, il-Kan. Dun Karm Sciberras, l-istatwa ta' Marija Annunzjata ġiet imżejna bi stellarju tad-deheb b'rużetti tad-djamanti, li tqiegħed fuq ras il-Madonna nhar il-25 ta' April 1956. Tliet snin wara, nhar l-24 ta' April 1959, tqiegħed iċ-ċirku tad-deheb fuq ras l-Arkanġlu Gabriel, it-tnejn xogħol tas-Sur Pawl Dimech. Fl-1965 sar is-sandli tad-deheb ta' l-Arkanġlu u ħadmu s-Sur Joseph Xuereb Archer.

L-ISTATWA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

L-istatwa artistika tal-Madonna tar-Rużarju hija ta' l-injam u nġabet fil-Knisja Parrokkjali fis-sena 1777. M'hux magħruf min ħadem din l-istatwa; nafu biss li kienet ġiet apprezzata minn Antonio Farrugia. Nafu wkoll li l-ewwel purċissjoni bl-istatwa tar-Rużarju saret nhar il-festa tal-Madonna tar-Rużarju fit-8 ta' Ottubru 1977.(7) Din l-istatwa saret meta kien Kappillan Dun Salv Cachia (1773-1780) u l-prokuraturi kienu Gio Marija Falzon u Francesco Magri.(8)

Il-bradella ta' l-istatwa saret minn Mastru Antonio Farrugia, magħruf "Suxetta", f'Awissu tal-1780 u ġiet indurata f'Settembru ta' l-istess sena. Ir-roti tal-bradella saru fi Frar tal-1782 u kienu ġew irranġati minn Mastru Mikiel Catania f'Marzu 1785.(9)

Jingħad li din l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju kienet toħroġ fil-festa tal-Annunzjata wkoll mill-1778 sa ma tlestiet l-istatwa preżenti ta' Marija Annunzjata fl-1868.

Din l-istatwa kienet toħroġ ukoll fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina.

L-ISTATWA TAL-MADONNA TAD-DULURI

L-istatwa tal-Madonna tad-Duluri saret fis-sena 1953 għand l-istatwarju Għawdxi l-Kav. Wistin Camilleri, u ġiet żgraffita u ndurata għand id-Ditta Coleiro tal-Belt. Din l-istatwa saret fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Minuti u ħallas għaliha l-Konti Bernardo Manduca. Aktar tard, lil din l-istatwa sarulha stellarju, sejf u s-sandli tal-fidda, xogħol tas-Sur Joseph Xuereb Archer.

Sa minn meta din l-istatwa tlestiet, bdiet toħroġ fil-purċissjoni ta' l-aħħar Ġimgħa tar-Randan. F'din il-purċissjoni jakkumpanjaw l-istatwa tad-Duluri n-nies tal-Parroċċa kollha, fosthom bosta li jimxu ħafjin dritt wara l-istatwa tal-Madonna.

Fil-ktieb tal-"Kronaka tal-Parroċċa", insibu li nhar is-16 ta' Settembru 1962 saret għall-ewwel darba l-festa solenni tal-Madonna tad-Duluri. Nafu li wara l-għasar bl-orkestra u l-paneġierku mill-Kan. Luigi Cilia, ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri u fiha akkompanjat il-Fratellanza tad-Duluri li kienet twaqqfet b'digriet ta' Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, mogħti bid-data tat-22 ta' Marzu 1959.(10)

L-ISTATWA TAL-MADONNA TA' FATIMA

Kien f'Lulju tal-1957, għeluq l-40 sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, meta l-W.R. Kappillan, il-Kan. Dun Karm Sciberras, ħass il-bżonn li jkabbar id-devozzjoni tal-Balzanin lejn il-Madonna ta' Fatima. Għal dan il-għan ried li fil-knisja tagħna titqiegħed statwa artistika għall-qima tal-poplu. Fix-xahar fuq imsemmi, il-Kappillan siefer lejn Ruma fejn mar jiltaqa' mas-Sur Francesco Rosa, il-proprjetarju ta' l-istabiliment ta' l-"Arte Sacra" tal-Belt Eterna. Wara li l-Kappillan ra x-xogħlijiet artistiċi li toffri din id-ditta, ordna lis-Sur Francesco Rosa biex jesegwixxi l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima, fuq santa li kien ħa miegħu minn Malta.

Fix-xahar ta' Diċembru tal-1958, l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima kienet lesta u waslet minn Ruma. U nhar it-13 ta' Diċembru 1958, il-Kappillan bierek din l-istatwa fost l-entużjażmu qaddis ta' dawk li kienu preżenti.

Din l-istatwa toħroġ fil-purċissjoni ta' l-aħħar tax-xahar ta' Mejju, kif ukoll fil-proċessjoni ta' Jum l-Ewwel Tqarbina.

L-ISTATWA TAL-MADONNA TA' LOURDES

Dwar l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ftit jew xejn ma nafu. Hija magħmula minn xi kompożizzjoni. għax tqila ħafna. Din l-istatwa titqiegħed fuq il-presbiterju fil-ġranet tat-tifkira tad-dehriet li fihom tingħad il-Kurunella tal-Madonna ta' Lourdes, u titqaddes quddiesa li fiha jsir diskors qasir fuq id-dehra li tkun tmiss, fundazzjoni tal-Kan. Dun Spir Sammut. Nafu li f'għeluq il-Festi Ċentinarji tad-Dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes, il-Parroċċa tagħna organizzat korteo bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, nhar l-14 ta' Lulju, 1958, li telaq mit-triq Papa Alessandru VII fis-6.30 p.m.(11)

L-ISTATWA TA' SANTA RITA

Sa minn meta l-Kappillan preżenti rifes f'Ħal Balzan u ħa l-pussess nhar it-12 ta' Diċembru 1954, ħaseb biex jibda l-fergħa tan-nisa ta' l-Azzjoni Kattolika, u qiegħed din il-fergħa taħt il-ħarsien ta' Santa Rita minn Cascia.

Ta' kull sena l-fergħa tan-nisa bdew jagħmlu l-festa ta' Santa Rita, protettriċi tal-fergħa. Kien jonqos li fil-knisja jkollna statwa ta' din il-qaddisa. Għal dan il-għan instab benefattur, is-Sur Rosario Briffa. L-istatwa ġiet ordnata għand l-istatwarju Għawdxi l-Kav. Wistin Camilleri u kienet lesta fl-1961.

Il-preżenza ta' din l-istatwa ta' Santa Rita fil-knisja tagħna ġibdet ħafna nies, b'mod speċjali nhar ta' Ħamis meta bosta jidhru jitolbu quddiem ix-xbiha ta' din il-qaddisa ta' l-impossibbli.

L-ISTATWA TA' SAN ĠUŻEPP

Din l-istatwa ta' San Ġużepp hija xogħol tal-kartapesta u nħadmet mill-istatwarju magħruf Carlo Darmanin, magħruf bħala l-"Karlozzu", mill-Isla. Din l-istatwa saret fis-sena 1825 fi żmien il-Kappillan Dun Mikielanġ Borg, J.U.D. (1816-1848).

Jingħad li fi żmien il-Kappillan Dun Amabile Sisner (1895-1923) din l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet irranġata minn statwarju f'Bormla.

L-istatwa ta' San Ġużepp titqiegħed għall-qima fuq il-presbiterju fil-festa ta' San Ġużepp, nhar id-19 ta' Marzu, u fl-1 ta' Mejju, nhar San Ġużepp Ħaddiem.

L-ISTATWA TA' ĠESU' NAZZARENU

L-istatwa ta' Ġesù Nazzarenu hija tal-kartapesta u saret

(għal paġna 3)

HOLEX DIABETIC PRODUCTS
FOR SUGAR RESTRICTED DIETS
THE NAME YOU CAN TRUST
HOLEX DIABETIC PRODUCTS
Trade Enquiries:
Mc ALLEF COMPANY LIMITED
87, Archbishop Street, Valletta
Tel. 26762

(minn paġna 2)
mill-benefattur il-Konti Francesco Manduca, missier il-Konti Bernardo, meta kien ukoll prokuratur tal-knisja. Din l-istatwa tinħareġ fuq il-presbiterju f'xi Ġimgħat tar-Randan.

L-ISTATWA TA' SAN MIKIEL ARKANĠLU

Kien f'April tas-sena 1959 meta r-Rev. Kan. Dun Spir Sammut, prokuratur tal-Fratellanza ta' San Mikiel, li kien ilu ħafna bix-xewqa li jagħmel statwa ta' San Mikiel, irnexxielu fl-aħħar li San Mikiel ilaqqgħu ma' wieħed devot tiegħu, is-Sur Ġużeppi Falzon minn Ħal Qormi, li fiż-żmien kien prokuratur tal-Fratellanza ta' San Mikiel f'Ħal Qormi. Is-Sur Falzon kien ġie joqgħod hawn Ħal Balzan, u Dun Spir malajr ikkuntattja lil dan is-sinjur u ħajru biex ikun il-benefattur ta' din l-istatwa ta' San Mikiel, peress li l-Fratellanza ma kellhiex fondi u ma setgħetx toħroġ il-flus biex tagħmel statwa tal-qaddis tagħha. Is-Sur Falzon malajr aċċetta, u peress li kien irtira mix-xogħol minħabba saħħtu, irrikkmanda liż-żewġ uliedu, is-Sur Ġorġ u s-Sur Stanley, li b'rispett lejn missierhom aċċettaw. Dawn iż-żewġ sinjuri, mimlijin bir-rispett lejn missierhom u lejn il-knisja, taw l-inkargu lill-Kanonku Dun Spir biex jieħu ħsieb u jordna l-istatwa.

Bla telf ta' żmien, Dun Spir telaq lejn Ortisei fil-provinċja ta' Bolzano u mar għand id-Ditta Perathoner, fornit bid-dokumenti, disinji u ritratti. Din id-Ditta kienet għadha qatt ma għamlet xogħol għal Malta. Il-Kanonku Dun Spir, skultur huwa stess, seta' b'għajn kritika jeżamina xi statwi u xi xogħol ieħor li kienet qed taħdem id-Ditta. Minn dak li ra Dun Spir ħassu sodisfatt u għamel l-akkordju tal-istatwa flimkien mal-pedistall. Sar il-ftehim dwar iż-żebgħa u l-induratura.

F'dik l-ewwel viżta tal-Kan. Dun Spir lid-Ditta Perathoner, ftiehem ma' l-iskultur li kif jabbozza l-istatwa jibgħat igħidlu biex jitla' jarah, u jekk ikun hemm bżonn jagħmel xi alterazzjonijiet.

L-iskultur żamm kelmtu u kif kien qed jabbozza l-istatwa bagħat għal Dun Spir, li bla telf ta' żmien mar mill-ġdid Ortisei. Hemm il-Kanonku talab lill-iskultur jagħmel xi alterazzjonijiet. (Ir-ritratt fl-ewwel paġna juri l-iskultur qiegħed jabbozza l-istatwa u Dun Spir qiegħed jinnota xi alterazzjonijiet li ried jagħmel).

Wara sitt xhur l-istatwa ta' San Mikiel kienet lesta u waslet Malta f'Novembru 1959. Ta' min isemmi li l-għada li waslet l-istatwa u tqiegħdet fil-maħżen ta' wara d-dar tas-Sur Ġużeppi Falzon, il-benefattur ta' l-istatwa, lis-Sur Falzon amministrawlu l-Griżma tal-morda, u ftit jiem wara miet taħt id-dell ta' San Mikiel mingħajr ma kellu x-xorti jaraha lesta.

Il-Ħadd, 16 ta' Diċembru 1959, l-istatwa ta' San Mikiel ġiet trasportata mill-maħżen u wkoll immuntata fid-dar Nru. 10 Sqaq 2, Triq il-Kbira. Minn hemm l-istatwa għaddiet minn Triq il-Kbira sal-Knisja Parrokkjali, akkumpanjata mill-Banda tagħna "San Gabriel". Fil-knisja l-istatwa tbierket minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Wara t-tberik, Mons. Arċisqof qal li l-istatwa hija verament ta' valur kbir artistiku. Dan il-kumment għamluh bosta nies li jifhmu. Għal dik l-okkażjoni, fil-knisja saret funzjoni solenni li kienet tikkonsisti f'għasar kantat bil-mużika u wara ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa l-ġdida ta' San Mikiel immexxija minn Mons. Prof. Ġużeppi Sapiano, li hu minn Ħal Balzan. Il-purċissjoni kienet akkumpanjata bil-musketterija u b'xi murtali tal-bomba. Wara li daħlet il-purċissjoni, tkanta l-Innu u l-Antifona ta' San Mikiel u ngħatat il-Barka Sagramentali.

Wara l-Barka, il-Banda "San Gabriel" kompliet il-programm tagħha u hekk intemmet il-festa. Wara li l-Banda temmet il-programm, il-knisja mtliet bin-nies biex jaraw u jammiraw il-ġmiel ta' l-istatwa.

Wara xi sentejn, l-istess benefatturi ddeċidew li jagħmlu l-bradella tal-kewba biex l-opra tkun komplita.

L-istatwa flimkien mal-pedistall qamet £160 u l-bradella qamet £100.

L-istatwa ta' San Mikiel toħroġ ta' kull sena f'purċissjoni nhar l-aħħar Ħadd ta' Settembru.

REFERENZI

1. CASTAGNA — Vol. III f.207.
2. MUSCAT V. — *Ħal Balzan* Nru. 40.
3. Ibid. Cit. — Nru. 18.
4. Ibid. Cit. — Nru. 40.
5. Ibid. Cit.
6. Lib. 29 fol. 168 — Ark. Par.
7. Lib. 4.
8. Ibid. Cit.
9. Ibid. Cit.
10. Lib. 71
11. Ibid. Cit.

PROBLEMI TAL-FAMILJA:
IL-KUNTEST STORIKU

minn Adrian Camilleri Flores B.A.(Hons.)

Kif rajna d-darba l-oħra, l-iżviluppi fis-soċjetà moderna ħolqu diversi problemi għall-familja. Meta pparagunajna l-familja pre-industrijali, jiġifieri taż-żmien meta l-maġġoranza kbira tan-nies kienu jgħixu u jaqilgħu l-għejxien tagħhom fil-kampanja, mal-familja ta' żminijietna, innotajna proċess ta' disintegrazzjoni, bil-membri tal-familja, li dari kienu jkunu ukoll flimkien, issa mxerrdin 'l hawn u 'l hemm: il-missier f'xi uffiċċju jew fabbrika, it-tfal f'diversi skejjel skond l-età u s-sess tagħhom, u l-omm, jekk m'għandhiex xi tarbija, weħedha d-dar.

Iżda hemm ukoll disintegrazzjoni aktar wiesgħa. Il-familja ta' żminijietna hija ferm aktar maqtugħa għaliha mill-komunità milli kienet il-familja pre-industrijali. Din hija ħaġa li, fuq skala iżgħar, aħna lkoll innutajna fil-ħajja madwarna. Fl-irħula dari kulħadd kien jaf 'il kulħadd: fil-bliet illum issib min bil-kemm jaf x'isimhom il-ġirien tiegħu.

Dan kollu jfisser li l-familja moderna jkollha tiddependi ferm aktar minn qabel fuq ir-riżorsi tagħha. Iżda dawn ir-riżorsi stess huma aktar dgħajfin milli kienu, għax minbarra l-fatturi li diġà semmejna, il-familji llum għandhom tendenza li jkunu iżgħar minn qatt qabel. Hawnhekk mhux qed nirreferi l-aktar għat-tnaqqis fin-numru tat-tfal li huwa karatteristika tal-familja moderna. Ferm iktar importanti huwa l-fatt li s-soltu familja llum tikkonsisti biss fir-raġel, il-mara u wliedhom.

Illum spiċċaw dawk il-familji kbar bin-nanniet, xi tnejn jew tliet aħwa miżżewġin, u bosta tfal kuġini jgħixu kollha flimkien. F'dit-tip ta' familja, il-ġenituri kien ikollhom il-benefiċċju ta' l-esperjenza tal-ġenituri tagħhom stess fit-trobbija ta' l-ulied, waqt li dawn l-ulied stess mhux biss kienu jaraw iżda kienu jieħdu sehem attiv fit-trobbija ta' ħuthom jew tal-kuġini tagħhom żgħar, u din kienet tgħinhom ħafna meta kienu jaslu huma stess biex jiżżewġu.

L-ewwel parti ta' dan l-artiklu dehret fil-ħarġa Jannar/Marzu 1980.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

Kieku kelli nistaqsikom u ngħidilkom: "F'liema xahar ersaqtu għall-Ewwel Tqarbina?" żgur li bosta minnkom kontu twieġbuni: "Fix-xahar ta' Ġunju".

F'dan ix-xahar, li jaħbat f'nofs is-sena sewwa, bosta huma dawk il-parroċċi f'Malta u Għawdex li jorganizzaw il-festa tal-Ewwel Tqarbina. F'dan iż-żmien tħossok tassew mistagħġeb tara tant mijiet ta' tfal, bniet u subien, kollhom ferħana, flimkien mal-ġenituri tagħhom, jersqu lejn l-artal imqaddes biex jirċievu għall-ewwel darba lil Ġesù Ostja. Fuq wiċċhom ma tarax għajr ferħ u innoċenza li bihom tkun imfawra l-qalb tagħhom. Kellu raġun Napuljun, mistoqsi minn wieħed mill-ġenerali tiegħu liema kienet il-ġurnata li l-iktar kien ferħan fiha, iwieġeb: "Il-jum li fih għamilt l-Ewwel Tqarbina".

Imma li kelli nistaqsikom u ngħidilkom: "Min minnkom jitqarben ta' spiss, jew aħjar kuljum?", forsi ftit ikunu dawk li jerfgħu idejhom u jwieġbu "Jien"! Forsi dak Ġesù li rċevejna fl-Ewwel Tqarbina mhux l-istess Wieħed li nistgħu nirċevuh kuljum? Forsi Dak li ħa pjaċir jiġi fina l-ewwel darba ma jeħux pjaċir jiġi fina kuljum?

Naħseb li m'humiex ftit dawk it-tfal, bniet u subien, li dan il-ferħ tal-Ewwel Tqarbina jitilfuh kmieni wisq, forsi mill-għada stess! Ġurnata hekk għażiża u festa hekk kbira tintesa tant kmieni minn dawk stess li għal żmien twil ħabirku u stinkaw biex tfittex tiġi.

Tfal tassew bil-għaqal issibhom jitqarbnu spiss jekk mhux kuljum ukoll. Is-smigħ tal-quddies u t-tqarbin ma jtellifhom xejn mill-istudju tagħhom, anzi b'ħeġġa aktar nisranija jaqdu dmirijiethom wisq aħjar minn tfal oħra għażżenin u traskurati. Kien Ġesù stes li wriena x-xewqa li jiġi fina ta' spiss meta qal lill-appostli: Agħmlu dan b'tifkira tiegħi".

Għalhekk, għeżież tfal, jekk Ġesù hu tassew ħabibkom, m'għandhiex tgħaddi ġurnata li fiha ma tmorrux tiltaqgħu Miegħu, u speċjalment permezz ta' tqarbina devota.

KOMPETIZZJONI

Erġajna wasalna għal kompetizzjoni oħra, u naħseb Tfal,
li tajjeb li ma nibqgħux marbutin mal-għamla ta' kompetizzjoniijiet li dehru fil-gazzetta tagħna għal dawn l-aħħar snin. Għalhekk din id-darba ħsibna li nagħmlu xi ħaġa ġdida, imma addattata għalikom. Taħsbux li sa noħorġu b'xi kompetizzjoni tqila. Le, le, xejn minn dan! Kull ma rridu hu li tħaddmu ftit moħħkom u żgur li taslu biex issolvu l-kompetizzjoni li hejjejnielkom. Għal din id-darba rridukom toħorġu kliem minn kelma oħra billi sempliċement tneħħu l-ewwel ittra tal-kelma u flokha ddaħħlu ittra oħra. Nagħtu eżempju. Mill-kelma "menti", jekk inneħħi l-ewwel ittra u flokha ndaħħal l-ittra L, il-kelma ssir "lenti", u jekk indaħħal l-ittra R l-kelma ssir "renti". Hekk min MENTI nagħmel LENTI, RENTI.

Issa kull ma rridu minn għandkom hu li tippruvaw toħorġu żewġ kelmiet oħra minn kull waħda mill-kelmiet li ġejjien:— festa, billi, kolla, basta, ħalli, u banek.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 14 ta' Ġunju, 1980.

Il-qwiel li kellkom fl-aħħar kompetizzjoni kellhom jinqraw hekk:

1. Xemx u xita Alla jaf meta.
2. Alla ma jħallasx bin-nhar ta' Sibt.
3. Bogħod mill-għajn bogħod mill-qalb.
4. Akbar m'int akbar hemmek.
5. Alla jibgħatha tajba għax ħażina ilha.
6. Aktar ma għandek aktar trid.
7. Qis mitt darba u aqta' darba.
8. Il-bastiment ma jimxix b'żewġ kaptani.
9. Kul għal qalbek u imxi għal għajn in-nies.
10. Xemx li ma ssaħħanx aħjar il-bard ta' Jannar minnha.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa Kevin Buttigieg, li joqgħod "Helen", Triq Dr. Zammit, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

IL-KAZIN MARIJA ANNUNZJATA

90 Sena ta' Hajja u Hidma għall-Gid ta' Hal Balzan

Is-Soċjetà Marija Annunzjata iffurmat ruħha fl-1890, jiġifieri 90 sena ilu, taħt l-isem "Circolo l'Annunziata", u minn dak iż-żmien sal-lum hija għaddiet minn bosta ġrajjiet. L-iskop ewlieni tas-Soċjetà dejjem kien il-festa ta' Marija Annunzjata, u l-membri tagħha dejjem ħabirku biex din il-festa tkun mill-aqwa, f'dak li huwa nar, armar u baned.

Bħalma wegħidt fil-messaġġ tiegħi fil-gazzetta HAL BALZAN, ħarġa Jannar/Marzu 1980, se nibda nippubblika l-istorja tas-Soċjetà Marija Annunzjata tul dawn id-90 sena mit-twaqqif tagħha. Dan jiena stajt nagħmlu wara ħafna tiftix dwar il-bidu tat-twaqqif tas-Soċjetà u wara li kellimt lill-membri l-aktar anzjani. Fost dawn ta' min isemmi lil Ġużeppi Attard, li kellu 89 sena u lis-Sur Wiġi Briffa, li kien surmast u li kien għal bosta snin membru ferm attiv f'din is-Soċjetà u okkupa diversi karigi. Ta' min isemmi li ftit minn dan it-tagħrif jiena kont ippubblikajtu fi ktejjeb meta kkommemorajna l-75 anniversarju tas-Soċjetà fl-1965. Minn dak iż-żmien sal-lum bqajt niġbor it-tagħrif.

KITBA TA'
PAWLU GRIMA

Il-membri tas-Soċjetà kienu wkoll anzjużi ħafna li dejjem ikabbru l-lokal u dejjem ifittxu biex ikunu fiċ-ċentru ta' Ħal Balzan, u għalhekk biddlu kemm-il post biex dejjem ikunu aħjar. Ta' min ifakkar li sal-1920 is-Soċjetà tagħna kienet għadha l-unika soċjetà f'Ħal Balzan.

Tul is-snin li ilha wieqfa, is-Soċjetà dejjem ħabirket biex tgħin fil-bżonnijiet materjali tal-Parroċċa. Infatti, meta fl-1890 il-Kappillan Dun Giovanni Sarreo, li kien għadu kif laħaq, insista ħafna biex jibda l-invjar u l-iskultura tal-Knisja Parrokkjali, l-ewlenin membri tas-Soċjetà tagħna daħlu għal din il-biċċa xogħol hekk kbira u iebsa u ħadmu kemm felħu. Fost dawn insemmu lill-imgħallmin Valent Falzon, Valent Muscat, Carmelo Sammut, Pio Ebejer, Valent Debono, Ġużeppi Sammut, u Pawlu Muscat. Dawn kienu fil-Kumitat tas-Soċjetà, min President, min Segretarju, min Kaxxier, wieħed wara l-ieħor.


Fil-bidu ta' l-eżistenza tiegħu, il-Każin kellu bħala President Onorarju lill-Avukat V. Frendo Azzopardi, li wara nħatar President tas-Soċjetà Filarmonika La Valette. Dan is-sinjur kien ta' kull sena jistieden lil din il-Banda biex tagħmel programm għall-festa tagħna, u jispiċċa biex jittrattaha bi pranzu fis-sala tad-dar tiegħu. Wara dan is-sinjur, kellna bħala Presidenti Onorarji lill-Wisq Nobbli Konti Francesco Manduca, lil Sir Michael Angelo Refalo, President tal-Qorti, lill-Kappillan Dun Amabile Sisner, lill-Maġistrat Dr William Soler LL.D., lill-Konti Bernardinu Manduca Piscopo Macedonia Zamitt, lis-Sur Albert Fenech, u preżentement lill-Onorevoli Chev. Dr Giorgio Borg Olivier LL.D., M.P., u lil Chev. Oscar Calleja Urry K.S.G., A.R.S.H.

Billi fl-1900 kien se jiġi ċċelebrat iċ-ċentinarju ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla fid-dinja kollha, u billi dan huwa marbut mal-festa tal-Parroċċa tagħna, il-membri tagħna riedu jagħmlu festi solenni għall-ewwel darba; minn dak iż-żmien sal-lum, il-festa tagħna baqgħet issir bis-sollennità li tixirqilha. Fost ħwejjeġ oħra, ħasbu biex iżanżnu bandalora bl-isem tas-Soċjetà — "Circolo l'Annunziata Casal Balzan".

Is-Soċjetà tagħna kellha tgħaddi minn diżgrazzja traġika daqskemm hija storika. Din ġrat nhar il-Ħamis, 23 t'Ottubru 1903, fit-8 ta' fil-għaxija, meta f'daqqa waħda tinstema' splużjoni qawwija li riegħdet mhux biss lir-raħal tagħna imma wkoll l-irħula tal-viċin. Ir-riżultat kien li l-Każin waqa' u miegħu waqgħu ż-żewġt idjar tal-ġnub. Din it-traġedja kienet kawżata minn żewġ membri li kienu dilettanti ħafna tan-nar, li ħalltu xi kuluri u meta telgħu fuq biex igħarblu ftit, kien hemm kuntatt mat-tubu tal-lampa, u minnufih sploda l-kartell mimli bil-kulur u tar kollox fl-ajru. Dak iż-żmien il-każin kien bieb ma' bieb mad-dar tal-kappillan, li dak iż-żmien kien il-Wisq Rev. Dun Amabile Sisner.

F'din it-traġedja, kienu sfaw feruti 42, u minnhom mietu 6, li nistgħu nsejħulhom l-eroj ta' Ħal Balzan. Il-vittmi kienu: Valent Debono, Toni Falzon, Paolo Muscat, Pio Muscat, Ġużeppi Muscat, u s-sinjorina Conċetta Sisner, oħt il-Kappillan. Ftit wara, mietet bl-istess kaġun Lonza Muscat, imlaqqma 'ta' Ġardina', li kienu joqogħdu ma' l-istess ħajt daqsxejn 'l isfel mill-każin. Kien każ verament ta' ħasra, u Ħal Balzan kollu qasam in-niket mal-familji tal-vittmi. Is-Soċjetà Filarmonika La Valette organizzat ġbir flimkien mar-raħal tagħna sabiex igħinu l-familji tal-vittmi kif ukoll għall-funerali tagħhom stess.

(Jissokta)



Il-bandalora l-qadima tas-Soċjetà Marija Annunzjata, li kienet inqerdet fl-isplużjoni tan-nar tat-23 t'Ottubru, 1903.





L-Onor. Dr. Ġ. Borg Olivier LL.D., M.P., u l-Kav. O. Calleja Urry K.S.G., A.R.S.H., żewġ Presidenti Onorarji tas-Soċjetà Marija Annunzjata.

BEBE'

l-aqwa hanut tal-hwejjeg

ghat-tfal

ITTRI LILL-EDITUR

Triq Idmejda 'One Way'

Sur Editur,

Issa li Triq Idmejda saret 'one-way' għat-traffiku, nixtieq nagħmel suġġeriment lill-awtoritajiet li, nittama, ma jonqsux li jagħtuh il-konsiderazzjoni li tixraqlu.

Biex ma ntawlux u ma nikkomplikawx it-triq lil dawk li jkunu jridu jidħlu Ħal Balzan min-naħa ta' Sant'Anton, nissuġġerixxu li mill-aktar fis possibbli dik it-triq qasira (magħrufa bħala Triq il-Kardinal Cardijn) li tgħaqqad Triq Idmejda ma' Triq Sant'Antnin tiġi asfaltata. Dan inaqqas ħafna t-tentazjoni ta' min, biex ma jagħmilx ħsara lill-karozza tiegħu billi jgħaddi minn triq imħarbta u kollha ħotob u ħofor, jitħajjar jikkontravjeni l-liġijiet tat-traffiku u jgħaddi minn taħt l-arkata ta' ħdejn il-Melita.

U la qegħdin insemmu l-asfaltar tat-toroq, ma taħsbux li wasal iż-żmien li tiġi livellata u asfaltata dik il-parti ta' Triq il-Papa Alesandru VII li tiġi bejn Triq San Valentinu u Triq Idmejda?

Resident.

APPREZZAMENT

ĠUŻEPPI DEBONO



Kien nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu, 1980, meta ġriet l-aħbar tal-mewt tas-Sur Ġużeppi Debono, magħruf minna l-Balzanin bħala "l-Qannat", fl-età sabiħa ta' disgħin sena. Huwa kien bin Valentino u Peppina Azzopardi u l-akbar fost ħutu, tnejn oħra li dawn kienu ħallew dan il-wied tad-dmugħ ferm qabel. Missieru hu mniżżel fl-istorja ta' Ħal Balzan, għax kien wieħed mill-vittmi tat-traġedja tan-nar li ġrat f'Ottubru 1903.

Fuq it-tfulija ta' Ġużeppi ma nafu xejn partikolari. Nafu biss li meta kiber huwa mar ifittex il-futur tiegħu f'artijiet imbiegħda, li f'dak iż-żmien kien ferm diffiċli li tilħaqhom mingħajr sagrifiċċji kbar. Insibu lil Ġużeppi sew fl-Awstralja kif ukoll ġewwa l-Istati Uniti ta' l-Amerka, meta anke f'dawn il-pajjiżi kont taqla' l-ħobża ta' kuljum bi tbatija kbira. Imma Ġużeppi medd għonqu għax-xogħol li kien jiltaqa' miegħu. Dam f'dawn l-artijiet imbiegħda għal bosta snin, iżda wara daż-żmien kollu reġa' ġie lura lejn art twelidu, fejn issa bid-daqsxejn tax-xogħol li kien jagħmel kien igħaddi mhux ħażin. Fi żmien it-tieni gwerra dinjija daħal mal-Gvern u baqa' hemm sakemm wasallu ż-żmien biex jirtira minħabba l-età.

Ġużeppi kien jieħu interess kbir fil-ħajja soċjali tar-raħal. Hu kien il-figura li lejha ħafna mill-Balzanin kellhom rispett billi bi kliemu kien jinħabb ma' bosta nies. Sew mal-kbar, kemm maż-żgħar, kliemu kien kollu ċajt. Lil Ġużeppi nsibuh igħin fix-xogħol ta' l-istallazzjoni ta' l-elettriku li kienet qed issir fil-knisja fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Minuti. Insibuh ukoll igħin fix-xogħol tas-Sala meta l-Kappillan preżenti, il-Kanonku Dun Karm Sciberras, ta bidu għal din l-opra hekk siewja. Għal dawn l-aħħar snin hu kien soċju onorarju, sew tal-Każin tal-Banda San Gabriel kif ukoll tal-Każin tal-Malta Labour Party ta' dan ir-raħal; iżda meta kien ta' età iżgħar u allura kien soċju attiv insibuh jokkupa l-kariga ta' kaxxier fil-każin tal-banda, u membru fil-kumitat tal-Każin tal-Malta Labour Party. Kienet l-għaxqa tiegħu fil-ġranet ta' qabel il-festa li jiġi l-każin tal-banda biex jorbot il-liedna li biha kienu jiżżejnu t-toroq tagħna. Dan ix-xogħol mhux darba jew tnejn kien jagħmlu, iżda dam jagħmlu għal bosta snin, anke meta kien ta' età avvanzata. Anzi nistgħu ngħidu li baqa' jagħmlu sa l-aħħar darba li sar, jiġifieri sa sentejn ilu. Hu kien ukoll iħobb jagħti daqqa t'id fl-armar ta' barra, naturalment kemm saħħtu kienet tippermettilu.

Ġużeppi issa ma għadux hawn; mar u ħalliena. Baqa' biss ismu, li dan żgur jibqa' mfakkar għal bosta żmien minn ħafna mill-Balzanin. Fil-waqt li nagħtu l-għomor lil qrabatu, nitolbu li Alla fil-ħniena infinita tiegħu jagħti lil ruħu l-mistrieħ ta' dejjem.

VALENTINO MUSCAT